MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2005

Avviz Numru. 473/2005

**Leslie Middleton ghan-nom u in rapprezentanza u bhala mandatarju specjali ta' Stuart Middleton**

**vs**

**Malta Yacht Manufacturing Limited**
**U**
**Peter Muscat**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba ta' l-attur nomine ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas flimkien u in solidum bejniethom, in forza ta' garanzija datata l-14 ta' Ottubru tas-sena 2003 iffirmata min Peter Muscat bhal garanti flimkien u in solidum ma' Malta Yacht Manufacturing Limited, is-somma ta' erbat elef, tmien**

**mija u disgha u tletin Lira Maltin, (LM4,839.00,0), a favur ta' l-attur, rapprezentanti pagament ghax-xoghol minnu mwettaq fuq inkarigu taghhom stess;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali ta' l-1 ta' Marzu tas-sena 2005 u bl-interessi legali kkalkulati minn meta gie rez ix-xoghol mill-istess attur kontra l-konvenuti flimkien u in solidum bejniethom li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet ta' l-attur nomine sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fid-29 ta' Novembru tas-sena 2005 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur nomine bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------